- *Stħarriġ ta' egħmil amministrattiv*
- *Bord tal-eżaminaturi – sindakar ta' deċiżjoni tiegħu li ma japprovax teżi tal-Ph.D.*

FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

IMĦALLEF

ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

ILLUM, 22 ta' Settembru, 2020.

Rikors ĠURAMENTAT Nru. 1030/16 GM

fl-ismijiet:

Gaetano Vella (Karta tal-identita' numru 513566M)

vs.

L-Universita` ta' Malta

Il-Qorti :

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu, l-attur wara li ppremetta illi :

Fis-sena 2011 applika biex jagħmel kors li jwassal għad-dottorat *(Ph.D)* mill-Universita' ta' Malta. hu ġie aċċettat bħala student fl-4 ta' Lulju 2011 **(Dok A).**

Dan kien jinvolvi il-preżentata ta' teżi skont ir-regolamenti *Doctor of Philiosophy – Ph.D. Degree Regulations 2008* (**DokB**) magħmula bis-saħħa tal-Att Dwar l-Edukazzjoni Kap 327 tal-Liġijiet ta' Malta (Art 75). It-titolu tat-teżi sottomess mill-attur u aċċettat mill *UoM* kien jittratta "*The Nature and Impact of Internet Use Amongst Maltese Families".* Sussegwentament, it-titolu tat-teżi, bl-approvazzjoni tas-Senat, inbidel għal *"The Net at Home: A Sociological Inquiry into Internet, Family and the Domestic Space".*
Peress li l-attur ippreżenta t-teżi tiegħu lill-eżaminaturi għall-konsiderazzjoni tagħhom fit-30 ta' Settembru 2014.

Barra it-teżi ġie mitlub jissottoponi ruħu għall-eżami *viva voce.*

Peress li dan kien ifisser li, wara li l-eżaminaturi kienu qraw it-teżi, l-istudent ġie imsejjaħ għal viva-voce tal-*Ph.D.,* u dan skont ir-Regolament 44 (4) *part 1,* - Regolamenti tal-*Ph.D. 2008* (Dok B) magħmula bis-saħħa tal-Att Dwar l-Edukazzjoni (Kap 327 tal-liġijiet ta' Malta). Illi intant l-attur ma kienx mitlub jirranġa ebda "*minor errors"* qabel il-viva-voce tal-*Ph.D.*.

Ir-Regolamenti tal-*Ph.D.* tal-2008 magħmula bis-saħħa ta' l-Att Dwar L-Edukazzjoni Kap 327, fir-Regolament 44 (4) part 1 jgħidu hekk:

***Examination of Ph.D. Thesis***
***Regulation 44 (4) (5)***

*(4) The Board of Examiners shall admit the student to an oral examination after:*

- *either* ***approving the Ph.D. thesis unconditionally or***
- *subject to the correction of minor errors to the satisfaction of the Principal Supervisor* (l-emfasi hi tal-attur).

Qatt ma kien mitlub li jagħmel "*correction of minor errors",* wara li l-eżaminaturi kienu qraw it-teżi. Anzi għall-kuntrarju, skont ir-rapporti tagħhom stess ta' qabel il-viva voce, huma kienu ikkummentaw b'mod pozittiv ħafna.

Ir-*Regolament* 44(5) tal-istess regolamenti jgħid:

*(5) If the Board of Examiners is not satisfied with the quality of the thesis, it shall not admit the student to the oral examination…..*

*(Ph.D. Regulation 2008 Reg. 44 (4) (5), p.15)*

Il-fatt li ma kienx imsejjaħ biex jagħmel emendi għal *minor errors* qabel il-viva-voce u peress li l-attur kien imsejjaħ għall-ezami orali, seta ifisser biss li huwa kien laħaq il-kriterji li jwasslu għall-otteniment tad-Dottorat kif stipulati *f'Regulation 4*4 (2) (a-e).

*Regulations 44(2) (a – e)* jgħidu hekk:

*Regulation 44 (2) (a-e)*
*(2) In assessing a thesis, the Board of Examiners shall require:*
*(a) evidence that it represents a significant contribution to knowledge in a particular field of study.*
*(b) evidence of originality.*
*(c) evidence of the ability of the student to relate the subject matter of the thesis to the existing body of knowledge.*
*(d) evidence of the ability of the student to apply research methods appropriate to the subject. and*
*(e) a satisfactory level of literary presentation.*

(Ph.D. Regulation 44 (2) (a-e) 2008, p.14)

Fit-2 ta' Settembru 2015, sar l-ezami tal-*viva-voce* tal-*Ph.D.* L-attur iddefenda t-teżi tiegħu bl-aħjar mod possibbli. L-eżaminaturi kienu Prof. Joseph Troisi bħala *Chairman*, Prof. Godfrey Baldacchino, Dott. Michael Briguglio, Prof. Gustavo Mesch *(non visiting)* u Prof. Elizabeth Silva. Kien hemm preżenti wkoll is-*Supervisor* Prof. Mark-Anthony Falzon.

Fil-fatt fl-ebda mument tal-eżami *viva-voce* tal-*Ph.D,* ma kien hemm kummenti negattivi jew kritika mill-ezaminaturi li setgħet turi li b'xi mod t-teżi ma issodisfatx il-kriterji 1 u 2 tar-Regolament 5 tal-*Ph.D Regulations 2008*.

Il-kriterji għall-eligibilita' tat-teżi huma s-segwenti :

*Eligibility for the Award of the Ph.D. Degree*

*Regulation 5(1)(2)*

(1) *The Ph.D. Degree shall be awarded upon the successful defence of a thesis containing original and significant contributions to knowledge in one of the areas of study studied at the University.*
*The thesis, presented after an appropriate period of supervised research, shall consist of the students' account of their investigations and research and shall offer evidence of originality by the discovery of new facts, the development of new theory and/or by the exercise of independent critical power and constitutes an addition to knowledge. The thesis or parts thereof should be of peer-reviewed publishable quality. (emfasi tal-attur)*

(2) *Students shall comply with the provisions of these regulations and of the Faculty Ph.D. Degree bye-laws and shall also satisfy any other requirements prescribed in any other relevant statutes, regulations and bye-laws of the University, including applicable ethical, and health and safety procedures.*

(Ph.D. Regulation 5 (1) (2) 2008, p.02)

Għalhekk it-Regolamenti 5 (1) u (2), diġa' kienu kkonfermati qabel il-*viva-voce* mill-istess eżaminaturi għax kieku a bazi tar-Reg 44(5) l-orali ma kienx isir.

Wara li l-eżaminaturi kienu lesti mill-mistoqsijiet tagħhom, l-attur intalab sabiex joħroġ mill-kamra tal-eżami. Nofs siegħa wara, reġa' kien imsejjaħ biex jidħol quddiem l-eżaminaturi. Appena l-attur daħal fil-kamra, ic-*Chair,* Prof. Troisi, quddiem l-eżaminaturi l-oħra u s-*Supervisor,* qal lill-attur dawn il-preċiżi kliem:

*"Congratulations!...* issa agħmel l-emendi li jixtiequ l-eżaminaturi……Prof. Baldacchino u Dott. Briguglio qegħdin joffru l-għajnuna tagħhom biex inti tagħmel l-emendi bl-aħjar mod possibbli… tkunx ċuċ … Ara li tagħmilhom l-emendi."

*(Prof. Troisi 2nd September 2015)*

Wara dan l-episodju, irringrazzja liċ-*Chai*r u lill-eżaminaturi, u appena ħareġ mill-kamra tal-eżami, informa lill-familjari u lil xi ħbieb li kien mar tajjeb għaliex wara l-viva-voce *ic-Chair* kien ikkongratulah - u kull ma kien jonqos kien li jagħmel xi emendi żgħar filwaqt li qallu li kellu bejn ġimgħa u sitt xhur biex jagħmilhom.

Min-naħa tiegħu, Prof. Troisi ammetta li qal dan il-kliem wara li l-attur daħal lura wara l-*viva-voce* tal-*Ph.D.* Din is-silta ta' hawn taħt, hija parti mill-istqarrija magħmula mill-Prof. Troisi mibgħuta minnu lir-*Registrar (*Dok E):

*"On my part, given the fact that the candidate was very tense during the viva, I did try to calm him down by **congratulating him** for his commitment". Emfasi tal-attur.*

*(Prof. Troisi 2016: 03)*

Hi prassi li meta *Chair* jgħid *congratulations* lil student wara viva-voce, din tindika li l-istudent mar tajjeb. Illi intant f' dan il-livell ħadd ma jgħidlek *congratulations* għaliex tkun eċitat.

Intant, aktar tard, minn naħa tagħhom, Prof. Baldacchino u Dott. Briguglio, ikkonfermaw li kienu lesti li jiltaqgħu ma' l-attur biex jikkonfermaw l-emendi li xtaqu.

Sar qbil, bejn Prof. Baldacchino u l-attur, kif ukoll bejn Dott. Briguglio u l-attur. l-l-attur kellu jgħaddi l-emendi wkoll lill-Prof. Baldacchino u lill-Dott. Briguglio qabel ma formalment jerġa' jdaħħal it-teżi biex jiġu ikkonfermati l-emendi. Dan il-ftehim sar maż-żewġ eżaminaturi lokali biss. Profs. Falzon, is-*Supervisor* kien infurmat b'dan il-ftehim u aċċettah. Biss Prof. Falzon, talab lill-attur, sabiex meta jibgħat l-emendi biex jarawhom Prof. Baldacchino u Dott. Briguglio, lilu (Prof. Falzon), jgħaddihomlu permezz ta' email BCC. L-attur wara l-viva-voce iddiskuta il-proċess ta' kif ser jimxu l-affarjiet ma' Prof. Falzon. Sussegwentement l-attur, għadda l-emendi biex jarawhom lill-Prof. Falzon, lill-Prof. Balacchino u lil Dott. Briguglio. L-attur kellu bżonn ukoll l-emendi tal-eżaminaturi esterni.

Jumejn wara il-*viva voce* ċioe' il-Ġimgħa 4 ta' Settembru 2015, l-attur ikkomunika mas-*Supervisor* sabiex jibdew jaħdmu immedjatament fuq l-emendi bit-tama li l-attur jiggradwa bil-*Ph.D.* f'Novembru 2015.

Min-naħa tiegħu, kif kien miftihem, l-attur ikkomunika u ltaqa' kemm ma' Prof. Baldacchino u kemm ma' Dott. Briguglio biex jiddiskutu l-emendi. Il-laqgħat kienu kordjali filwaqt li kemm Prof. Baldacchino kif ukoll Dott. Briguglio, stqarrew mal-istudent li verament kien għamel bicca xoghol tajba. Tant hu hekk li Dott Briguglio, talab lill-attur biex jagħmel *paper* mit-teżi tiegħu ħalli jippubblikaha fil-ktieb li kien ser jippubblika Dott Briguglio stess aktar tard. (Fil-fatt ġie ippubblikat dik is-sena).

Prof. Baldacchino u Dott. Briguglio għaddew ir-rapporti tagħhom ta' qabel il-*viva-voce* tal-*Ph.D*. lill-istudent filwaqt li Dott. Briguglio għadda wkoll, *paraphrasing* tal-istess rapport ta' qabel il-viva-voce. (Dok F u Dok G)

Skont kif mitlub fir-Regulations, ġustament, l-attur talab biex ikollu l-lista uffiċjali tal-emendi li kellu jagħmel. Imma l-lista qatt ma waslet għand l-attur. Dan skont *Regulation 47 (2) tal-Ph.D Regulation 2008:*

*Examination of the Ph.D. Thesis*

*Regulation 47 (2)*

*(2) The joint final report shall provide sufficiently detailed comments on the scope and quality of the work as apparent from the written thesis and the oral defence. In addition to general remarks about the strengths and any weaknesses of the thesis, the report should include, as an annex, an itemised list of remarks about any specific improvements or minor mistakes requiring correction. This list shall be relayed to student for guidance in improving the document. It shall be the responsibility of the Chairman to ensure that any required corrections and amendments to the thesis have been properly executed. (emfasi tal-attur).*

(Ph.D. Regulation 47 (2) 2008, p.16)

L-attur qatt ma rċieva lista jew xi rapport uffiċjali mill-Universita' ta' Malta dwar it-teżi tiegħu. L-attur baqa' jinsisti biex ikollu dokument uffiċjali dwar l-eżitu tal-viva-voce tal-*Ph.D.,* u dan kemm għas-sodisfazzjoni personali tiegħu, u kemm biex jkun jista' jgħaddih lis-Segretarju Permanenti tax-xogħol tiegħu u lill-*Malta Government Scholarship Scheme (MGSS)* li tawh *sponsorship* biex jagħmel il-*Ph.D. full-time*.

Peress li kien hemm diverġenza bejn Prof. Troisi u Prof. Falzon, fejn ħadd minnhom ma ried jgħaddi il-lista tal-emendi lill-attur u Prof. Troisi, qal lill-istudenti biex jgħid lil Prof. Falzon (is-*Supervisor* tiegħu) li hu (Troisi) ma kienx "tan-nejk". L-attur kien kemmxejn imfixkel b' dan.

Sadanittant, l-attur baqa' mingħajr lista filwaqt li ried ikun jaf x'emendi xtaqu l-*external examiners*. L-attur talab lill-Prof. Troisi

biex jgħaddilu l-lista. iżda dan, minflok, għaddielu r-*rapport ta' qabel il-viva-voce u l-iscribbled notes* ta' Prof. Silva biss. Prof. Silva kienet wieħed mill-eżaminaturi tat-teżi. (Dok H)

Meta talab ir-rapport tal-*external examiner* l-ieħor, Prof. Mesch, ic-*Chair* Prof. Troisi qal lill-istudent "lil dak ħallih" u dan filwaqt li bl-ebda mod ma ried jgħaddi r-rapport ta' Prof. Mesch lill-istudent. L-attur baqa' imħasseb dwar dan il-kumment tal-Prof. Troisi.

Peress li fid-dawl ta' dan, ġab il-permess minn għand Prof. Falzon, bħala l-*Head of Department*, biex jikteb lill-Prof. Gustavo Mesch biex dan jgħaddilu r-rapport tiegħu hu ukoll. B'xorti tajba, Prof. Mesch, għadda ir-rapport tiegħu ukoll. Ir-rapport ta' dan tal-aħħar huwa importanti ħafna. (Dok I)

Għalhekk issa minflok lista uffiċjali ta' emendi, kellu jipprova janalizza r-rapporti tal-eżaminaturi biex inkun jista' jifhem x'kienu, u b'hekk jagħmel l-emendi mixtieqa.

L-*external examiner* Prof. Gustavo Mesch, li kif jidher mic-CV tiegħu, (Dok J) għandu *background* akkademiku kbir fuq is-suġġett trattat mit-teżi tal-attur, ikkonferma li l-istudent laħaq il-ħames miri li wieħed jistenna li jilħaq skont ir-Regolament 44(2) tal-*Ph.D. Regulations 2008 p.14 u cioe' li:*

- *Evidence that the thesis represents a significant contribution to knowledge in a particular field of study:*
- *Evidence of originality:*
- *Evidence of the ability of the student to relate the subject matter of the thesis to the existing body of knowledge:*
- *Evidence of the ability of the student to apply research methods appropriate to the subject: and*
- *A satisfactory level of literary presentation*

(Ph.D. Regulation 44 (2) (a-e) 2008, p.14)

Barra minhekk, kif jidher ċar mill-istess rapporti tal-eżaminaturi, l-istudent issodisfa wkoll il-kriterji 1 u 2 li huma stipulati fl-istess regolamenti. Dawn jgħidu hekk : (Skont pagna 2)

*1) The Ph.D. shall be awarded upon successful defence of thesis containing original and significant contributions to knowledge in one of the areas of study studied at the University.*

*2) The thesis, presented after an appropriate period of supervised research, shall consist of the students account of their investigation and research and shall offer evidence of originality by the discovery of new facts, the development of new theory and /or by the exercise of independent critical power and constitutes an addition to knowledge.*

*The thesis or part thereof should be of peer-reviewed publishable quality. Students shall comply with the provisions of these regulations and of the Faculty Ph.D. Degree bye-laws and shall also satisfy any other requirements prescribed in any other relevant statutes, regulations and bye-laws of the University, including applicable ethical, and health and safety procedures.*

(Ph.D. Regulation 5 (1) (2) 2008, p.02)

Kif jidher f'din is-silta mir-rapport tal-eżaminatur barrani Prof. Gustavo Mesch, huwa ċar li l-istudent laħaq l-miri mistennija:

Rapport: Prof. Gustavo Mesch –Rettur u ex Dekan tal-Fakulta' tax-Xjenza Socjali – Universita' ta' Haifa – Izrael

- *The study is comprehensive and relies on three samples.*
- *The student has used intelligent and appropriate use of results of survey data including official sources of Internet use both in Malta and the European community.*
- *The data was collected and analyzed using a large variety of qualitative methodologies, used to gain in depth insight in the different subjects that are at the core of the thesis.*
- *Clear innovation of the thesis is the ability of the student to document step by step both the manifestations of this imbalance in the family social system and the subsystems that are affected.*
- *One important contribution of the study is that gave place to the voice of the ones that are still disconnected (mostly by choice) of the Internet. The existence of the digital divide is well documented in the thesis.*
- *My presentation of the core findings of the study present clear evidence that the thesis is a significant contribution to sociological knowledge. It presents a well articulated body of empirical findings that advanced our sociological understanding of the building blocks of the information society. It offers a detailed account that relies on sociological theoretical perspectives and inform us in detail on the central aspects of the a social system (the family) that is challenged as the technology penetrates the domestic realm.*

*• The dissertation is original. My field of research are the social impacts of information and communication technologies. As part of my on-going research I had extensively studies the adoption of ICT by adolescents and the shift from peer groups to social networks as a building block of social organization.*

*In that condition I conducted early studies on the effects of the internet on family conflicts and family cohesion. For that reason I can inform that the thesis is original, as it is probably the first, to investigate in detail both the spatial and temporal adoption of the Internet in the domestic sphere as well as the perception of family members on the effect of the Internet in family routines.*

*• Dissertation organization and its relationship to a body of knowledge.*

*The thesis is organized in five chapters. Chapter 1 presents the general topic of the thesis and its research questions. An important part of the chapter is the serious intellectual discussion of the key research concepts. Here the concept of the sociological definition of the family in a society in transition (from industrial to network-information society) represented a real challenge into how we can sociologically conceive the family today. The student confronted the topic and tried to offer a solution to this challenge. Then the concept of domestic space, as a fundamental concept that has changed over the years including the definition of home is presented.*

*The Internet and its history are presented and issues of family time, and media as well as some methodological issues are discussed.*

*• Chapter 2 presents the literature review. The literature presented is up-to-date, relevant, comprehensive and beautifully articulated. Theories of technological determinism, technology and space, smart mobs, structural functionalist perspective on the family, conflict perspectives are presented. Some secondary data is presented as well.*

*• Chapter 3 presents the rationale and the description of the research methods and the methodology.*

*The chapter is well written and organized and reflects a broad knowledge of the student in the topic of the field. Chapter 4 presents the findings and chapter 5 the conclusions. Thus the manuscript presents a clear evidence of the ability of the student to relate the subject matter of the thesis to an existing body of knowledge as well ability to apply research methods appropriate to the study. In general the dissertation has a very satisfactory level of writing presentation.*

*• In sum, based on my reading and my professional experience in the field, and my professional experience in advising doctoral students, I believe the manuscript is a thesis that is appropriate for the degree of Ph.D. and recommend to the Department of Sociology (University of*

*Malta) warmly and without any hesitation to approve the manuscript as a doctoral thesis.*

Anke il-preambolu tar-rapport tal-Profs. Mesch (**Dok Z**) ukoll ifahhar ix-xoghol maghmul mill-attur bhala wiehed akkademiku.

ir-rapport tal-Profs Godfrey Baldacchino jghid :

**Rapport: Prof. Godfrey Baldacchino:–*Lecturer* – Dept. of Sociology - *University of Malta***

• *A detailed and absorbing view into how Maltese families are coming to terms with the internet: how much it is used, where it is used, and its perceived positive and negative impacts on family dynamics.*

• *The candidate must be congratulated for the thorough manner in which he has gone about his work and how he has justified his methodological choices. He is also to be sincerely thanked for opening this exceptional 'window' on the private lives of the Maltese, including a longitudinal study involving time diaries.*

• *The author claims that his work is an attempt to create a body of knowledge [about] the lived experience of Maltese families. In spite of the obvious limitations of time, energy and financing, I think he has succeeded in this task quite admirably.*

• *.....this phenomenal piece of work.....*

Ir-rapport ta' Dr. Briguglio jgħid hekk :

**Rapport: Dott. Briguglio: *Lecturer* – Dept. of Sociology – *University of Malta***

• *Gaetano Vella's dissertation provides a timely and highly relevant exercise which will probably be quoted in subsequent research and in Malta's public sphere. It is rich with vivid examples and provides a very interesting read.*

• *The Introductory Chapter provides a very good overview of the study. It explains the scope of the dissertation, namely to verify the impacts of the internet on Maltese families, and whether such impacts are positive or negative. In this regard, Mr Vella presents three main concepts, namely family diversity. residential home and space. and the internet. There is a logical link between these concepts, which can enable operationalization through empirical research.*

• *....Chapter 3 is very good.....*

• *Chapter 4 (Research Findings, Analysis and Discussion) is rich with examples derived from Mr Vella's empirical research. He proves that the interviews and time diaries were excellent choices in this regard.*

• *Mr Vella carried out extensive research which enabled him to conclude on both positive and negative impacts of the internet on family life.*

Ir-rapport ta' Profs. Elizabeth B. Silva jghid hekk -

Rapport: Prof. Elizabeth B. Silva: *Lecturer* Fakulta' tax-Xjenza Socjali – *Open University*

• *The dissertation consists of 366 pages plus 4 appendices (bibliography, information consent letter, parents/guardians consent form, and sample of time diary). It includes 5 tables and 36 figures. The structure appears well balanced.*
• *The thesis presents the study of impact of internet use on the dynamics of family life in Malta.*
• *It is based on primary and secondary data drawing from a phenomenological approach combined with narrative-ethnography using interviews (single question and convergent interviewing), time diaries (longitudinal) and a 'as-it-happens' narrative writing style. Thematic analysis was undertaken.*
• *The qualitative study is supported by secondary statistical data referring to Malta, other European countries and some worldwide trends. International literature pertinent to the study is accounted for offering a comprehensive account of studies on the internet and its effects on social communication. It also presents detailed exploration of statistical data on internet use in the home from sources of National Statistics Office, Malta Communications Authority and Eurostat*
• *The theoretical framework is outlined on the basis of the choice of undertaking a qualitative exploration following the interpretative phenomenological approach combined with narrative ethnography, as mentioned above.*
• *To this a longitudinal exploration was added in the form of a time diary data collection. Information was gathered from family/household participants and also engaged experts in chosen fields. The qualitative sample is drawn from six types of families: (1) traditional/nuclear, (2) joint-custody/ cohabiting, (3) single parents, (4) child-free, (5) blended/step, reconstituted/re-established, (6) gay.*
• *In total the sample consists of 36 families (90 individuals), 6 key family respondents for time diary, and 8 professional experts.*
• *The presentation of the thesis is good in the following respects: a detailed list of contents, good layout, clear design of tables and figures*

*• The candidate offers a good account of the process of cataloguing data, classifying and coding the informants and information. There is a credible narrative about the process of themes identification.*
*• There is a credible account of following of ethics procedures.*
*• A clear distinction is made in the conclusions between the internet use of men and women…*

Intant fil-11 ta' Mejju 2016 permezz ta' ittra (Dok K) l-attur ġie infurmat formalment li l-Bord tal-Eżaminaturi Maltin baqa' mhux konvint li l-emendi li għamel fit-teżi kienu jirrendu l-istess teżi ta' livell ta' *Ph.D.* Hija din id-deċizjoni indikata permezz ta' din l-ittra li qed tiġi ikkontestata.

Din id-deċizjoni u dan l-aġir kienu mhux raġjonevoli u kienu jiksru id-dettami tal-liġi u partikolarment ir-Regolament dwar il-*Ph.D.* 2008 magħmula bis-saħħa tal-Att Dwar l-Edukazzjoni (Kap 327) kemm b' mod ġenerali kif ukoll partikolarment ir-regolamenti :

"*Regulation 44 (4) (5)*
*(4) The Board of Examiners shall admit the student to an oral examination after:*

- *either <u>approving the Ph.D. thesis unconditionally or</u>*
- *subject to the correction of minor errors to the satisfaction of the Principal Supervisor.*

*(l-emfasi hi tal-attur).*

Fil-fatt qatt ma kien mitlub li jagħmel "*correction of minor errors",* wara li l-eżaminaturi kienu qraw it-teżi. Anzi għall-kuntrarju, skont ir-rapporti tagħhom stess ta' qabel il-viva voce, huma kienu ikkummentaw b'mod pożittiv ħafna.

Ir-Reg 44(5) tal-istess regolamenti jgħid :
*(5) If the Board of Examiners is not satisfied with the quality of the thesis, it shall not admit the student to the oral examination…..*
*(Ph.D. Regulation 44 (4) (5) 2008, p.15).*"

Kontra dak li hemm stipulat f'Regolament 47 (3c) pg. 16 fil-*Ph.D. Regulations* 2008, l-attur gie mitlub biex jattendi għat-tieni viva-voce fis-6 ta' Gunju 2016, biex possibbilment jikkompeti u jingħata *M.Phil.* minflok *Ph.D.* (Dok K).
Għalhekk a kuntrarju ta' dak li kien indikat qabel, issa deher li skont il-konvenuti l-attur ma kienx għadda għal Ph.D. – dwar dan mhux l-eżaminaturi kollha kienu infurmati – l-eżaminaturi barranin ma

kienux jafu jew parteċipi f' dan l-isvilupp. U dan il-fatt ukoll hu kontra il-liġi u l-prassi għax bħal ma l-eżaminaturi kollha għandhom jipparteċipaw fid-deċiżjoni biex student jgħaddi, l-eżaminaturi kollha għandhom jipparteċipaw biex student jeħel.

Fit-23 ta' Mejju 2016 (Dok L) l-attur ikkontesta r-riżultat tal-*Ph.D.* tal-Bord tal-Eżaminaturi lokali fi ħdan l-Universita' ta' Malta, billi fl-24 ta'Mejju 2016 (Dok M) ressaq il-każ tiegħu quddiem il-Kummissarju tal-Edukazzjoni Prof. Charles Farrugia – l-eżitu ta' dan il-proċess kien negattiv għall-attur.

Jirrizulta li Prof. Baldacchino u Dott. Briguglio aċettaw li jaraw l-emendi flimkien ma' Prof. Falzon, u li wara li l-attur għaddilhom l-emendi, bagħtu jgħidulu (Prof. Baldacchino u Dr. Briguglio) li reġa' bdielhom, għaliex il-prassi mhux hekk (**Dok N**).

Fid-19 ta' Frar 2016, fid-20.56, permezz ta' email mibgħuta minn Prof. Falzon **(Dok O),** l-attur kien infurmat li ser issirlu viva-voce oħra, meta l-istudent lanqas biss kien għadu daħħal it-teżi formalment bl-emendi. L-istudent daħħal it-teżi bl-emendi fid-29 ta' Frar 2016 (Dok P). Dan ifisser li kien deċiż li ssir viva-voce, minn qabel ma l-Bord tal-Eżaminaturi ra l-emendi.

Skont il-*Ph.D. Regulations 2008* **(Dok B),** l-eżaminaturi iridu jkunu esperti fis-suġġett tat-tezi filwaqt li jrid ikun hemm *external examiner* li jkollu *"Command authority"* fis-suġġett tat-teżi:

*(Board of Examiners for Theses).*
*"The members of the Board of Examiners shall be academics experienced in research in the general area of the student's thesis and where practicable, shall have experience as specialists in the topic to be examined, provided that two of the examiners, including* ***the external examiner, shall be academicswho command authority within the area of research concerned"*** (Ph.D. Regulation 2008: [42 (2)] pagna 14). Emfasi tal-attur.

Għall-kuntrarju tal-kwalifiki akkademiċi li għandhom l-eżaminaturi lokali, li ma humiex relatati mas-suġġett tat-teżi, (Ara CV's Dr. Briguglio, Prof. Baldacchino, Prof. Troisi – (Dok Q, Dok R, Dok S, rispettivament ), wieħed mill-*external examiners,* Prof. Gustavo Mesch, (illum Rettur tal-Universita' ta' Haifa - Izrael), kien l-aktar eżaminatur akkademikament ikkwalifikat fis-suġġett tat-teżi (Ara CV Mesch – Dok J). Prof. Elizabeth Silva (Ara CV Silva – Dok T) tiġi

wara Prof. Mesch, bħala t-tieni l-aktar eżaminatur li hija akkademikament ikkwalifikata fis-suġġett tat-teżi.

Jekk wieħed janalizza sew ir-rapporti tal-eżaminaturi fid-dawl tal-kriterji li hemm stipulati fil-*Ph.D. Regulation 2008*, jasal mill-ewwel għall-konkluzjoni li t-teżi laħqet dawk il-kriterji rikjesti. Fil-fatt huwa iddokumentat li l-istess Prof. Mesch, mill-ewwel irrakkomanda lill-Universita` ta' Malta sabiex l-istudent jingħata id-Dottorat a bażi tal-istudju profond li għamel :

*"In sum, based on my reading and my professional experience in the field, and my professional experience in advising doctoral students, I believe the manuscript is a thesis that it is appropriate for the degree of Ph.D. and recommend to the Department of Sociology (University of Malta) warmly and without any hesitation t approve the manuscript as a doctoral thesis"* (Mesch 2015: 05).

Huwa fatt ukoll li r-rapport tal-eżami ta' Prof. Mesch **(Dok I)** jimxi pass, pass u jispjega kif it-teżi tal-istudent laħqet il-kriterji tal-*Ph.D. Regulations 2008* **(Dok B**).

Anke l-ewwel rapporti tal-eżaminaturi lokali, ukoll huma indikattivi li l-livell tal-Ph.D. kien intlaħaq.

Wara li għamel l-emendi kollha li xtaqu l-eżaminaturi, kien f'pozizzjoni aħjar li jikkontesta ir-rapporti tal-eżaminaturi lokali. Li ma jistax jinftiehem hu il-kif, wara li saru l-emendi, għall-kuntrarju ta' l-ewwel rapporti, skont l-eżaminaturi lokali, il-livell tat-teżi naqas flok ma żdied.

Il-mistoqsija tiġi waħedha: jekk teżi kienet diġa' fl-livell ta' *Ph.D.*, kif qatt tista' tinżel mill-livell li kienet fih wara li saru l-emendi?

Intant, l-eżaminaturi lokali qalu li *"they "remained unconvinced"* **(Dok K).** Huma saħħew l-argumenti tagħhom, b'referenzi trivjali **(Dok U u Dok V),** li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-ħames kriterji tal-*Ph.D. Regulations 2008*.

Biex eżaminatur jara jekk teżi laħqitx il-kriterji ta' *Ph.D.*, irrid jabbinaha mal-kriterji stabbiliti fil-*Ph.D. Regulation 2008.* Din l-argumentazzjoni għamilha ċara, u b'dettal, l-*external examiner* Prof. Mesch, **(Dok I)** li kien l-aktar eżaminaturi espert fis-suġġett. Dan il-

Professur ma ġiex konsultat qabel ma l-attur ġie imwaħħal mill-eżami.

L-attur daħħal formalment it-teżi tiegħu kif kien mistenni li jagħmel fid-data tat-30 ta' Settembru 2014 **(Dok W),** b'konferma mis-*Supervisor* tiegħu Prof. Falzon li "*Mr. Vella has worked hard and to our full satisfaction*" **(Dok X)**. Issa, mit-30 ta' Settembru 2014 sat-2 ta' Settembru 2015 hemm sena. L-attur kellu jdum sena jistenna biex saret il-viva-voce. L-attur ħie infurmat li għandu l-eżami tal-viva-voce, mingħand Prof. Falzon, permezz ta' BCC email indirizzat lill-eżaminaturi **(Dok D).**

Barra minn hekk l-attur fimkien mas-Supevisor informa lill-*Faculty Doctoral Committee* (Notifika tinsab fil-*personal file* tal-*Ph.D.* tiegħu fl-Universita'), li kien ser jissottometti t-teżi tiegħu, tlett xhur qabel, kif kien mistenni li jagħmel skont il-*Ph.D. Regulations 2008*. [33] - : *"Not less than three months before the intended date of submission, students shall signify their intention to the Faculty Doctoral Committee to present their thesis stating its exact title"*.

Fid-dawl tal-fatti kollha spjegati hawn fuq, li huma imsaħħa minn dokumentazzjoni uffiċjali, u fid-dawl tal-emendi li għamel l-attur, u fid-dawl tal-kriterji tal-*Ph.D. Regulations 2008,* jidher ċar li l-aħħar deċizjoni tal-membri tal-Bord tal-Eżaminaturi lokali ma kenitx waħda ġusta, għaliex li ma tirriflettix ġudizzju ġust fuq it-teżi tal-istudent u inoltre hija kontra il-liġi u mhux raġonevoli u tmur kontra dak indikat mir-Reg 44(4) u (5) tar-*Regulation for Ph.D.* Inoltre mhux l-eżaminaturi kollha kienu konsultati biex ħareg ir-riżultat finali.

Id-deċizjoni u l-att amministrattiv li sar bl-ittra datata 11 ta' Mejju 2016 (Dok K), il-konvenuti aġixxew ultra vires u mhux skont il-liġi. U għalhekk dik id-deċizjoni tikser id-dettami tal-Art 469A tal Kap 12 tal-Liġijiet ta'Malta.

Fl-isfond tal-argumetazzjoni ta' hawn fuq, u tal-Att Dwar l-Edukazzjoni Kap 327 – *Ph.D. Degree Regulations 2008*, **(Dok B)**, it-teżi tal-istudent għandha livell ta' *Ph.D.*

Fl-isfond tal-provi kollha mressqa mill-attur hu kellu jiġi irrakkomandat lis-Senat tal-Universita' ta' Malta, biex jingħata il-*Ph.D. Degree* għaliex kien jissodisfa b'mod konkret, il-kriterji kollha

kif stipulati fir-regolamenti tal-*P.h.D.,* b'mod partikulari, numri 1, 2 u 5 tal-*Ph.D. Regulations 2008* tal-Universita` ta' Malta.
minħabba fil-mankanzi tal-konvenuti li ma aġġixxewx b' mod raġjonevoli, l-attur sofra danni kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni.

Talab lill-Qorti sabiex:

1. tiddikjara li d-deċiżjoni tal-konvenuti (sic) indikata fl-ittra datata 11 ta' Mejju 2016 (Dok K) maħruġa mill-konvenuti hi kontra l-liġi u *ultra vires* il-poteri mogħtija mill-ligi lill-konvenuti (sic) u tikser id-dettami tal-PH.D Regulations 2008 kif ukoll tar-Regulation 44(4) u 44(5) tal-istess Regulations mahruga a tenur tal-Att Dwar l-Edukazzjoni – u għalhekk tordna r-revizjoni minn din l-Onorabbli Qorti tad-diskrezzjoni amministrattiva mehuda mill-konvenuti – u dan ai termini tal-Artikolu 469(A)1)(b)(i), (ii), (iii) u (iv) u Artikolu sussegwenti tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

2. tħassar id-deċiżjoni meħuda mill-konvenuti (sic) kif enunċjata fl-ittra datata 11 ta' Mejju 2016 u tiddikjarha nulla, invalida u mingħajr effett.

3. tagħti dawk ir-rimedji li tħoss xierqa fiċ-ċirkostanzi inkluż *occorrendo* dik li tiddikjara li skont ir-Reg 44(4) tar-Regolamenti dwar il-Ph.D. la darba l-attur ġie mitlub jersaq għall-*viva voce* mingħajr ma ġie mitlub jagħmel emendi minuri għat-teżi sottomessa minnu, allura tiddikjara li dan kien ifisser li t-teżi in kwistjoni kienet ġiet approvata b'mod inkondizzjonat.

4. tiddikjara li l-konvenuti (sic) ma aġixxewx b'mod raġonevoli u bħala konsegwenza ikkawżaw danni lill-attur minħabba l-aġir tagħhom.

5. tillikwida d-danni sofferti mill-attur a bażi tal-atti jew omissjonijiet tal-konvenuti.

6. tordna u tikkundanna lill-konvenuti (sic) iħallsu lill-attur dawk id-danni kif likwidati minn din l-Onorabbli Qorti u dan ai termini tal-Art 469A(5).

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-konvenuta ppreżentata fl-20 ta' Diċembru 2016 li permezz tagħha eċċepiet:

A. Preliminarjament, jiġi rilevat illi r-rikors ġuramentat għandu semblanza ta' nota t'osservazzjonijiet. Ir-rikorrenti ma jistax juża' att ġudizzjarju intiż sabiex jintavola kawża (jistitwixxi proċeduri ġudizzjarji) u jitrattaha *in limine litis*. Għaldaqstant l-awtorita` intimata, *ai termini* tal-prinċipju tal-*equality of arms*, tirriżerva d-dritt li tintavola nota ta' osservazzjonijiet u nota ta' riferenzi ulterjuri in sostenn tad-difiża tagħha. Jiġi rilevat ukoll illi r-rikorrenti saħansitra qabad xi rapporti u inserijhom bħala parti integrali tal-premessi tar-rikorrenti. Madankollu **jissussistu raġunijiet sabiex jiġi sfilzat ir-rikors promotur fl-intier tiegħu**.

B. Preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti juża proċedura li tirrikjedi skrutinju gudizzjarju ta' att amministrattiv meta principalment jilmenta dwar (u/jew jimplika) **allegat nuqqas ta' smigħ xieraq** konsistenti fil-fatt illi ħadd mill-eżaminaturi *"ma ried jgħaddi il-lista tal-emendi lill-attur."* L-allegat nuqqas ta' smigħ xieraq jikkonsisti fil-fatt illi r-rikorrent ma kienx edott mil-fatti (mill-lista tal-emendi). L-allegat nuqqas ta' smigħ xieraq jikkonsisti f'nuqqas ta' indipendenza u imparzjalita` tal-organu li qed jiġġudika l-każ. Id-dispozizzjonijiet tas-smigħ xieraq japplika għal kaz in deżamina għaliex tali proċeduri u deċizjonijiet tal-Bord tal-Ezaminaturi u/jew l-organi kompetenti tal-Universita` saru *"fid-deċizjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu..."* Għaldaqstant ir-rikorrenti juża proċedura amministrattiva meta kellu jintavola kawża kostituzzjonali għat-tenur tal-Artikolu 6 tal-Kap. 319 u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Semmai ir-rikorrrenti imissu intavola l-kawża taħt l-Artikolu 469A(1)(a) illi tikkontempla speċifikament u appositament egħmil amministrattiv li jikser il-Kostituzzjoni.

C. Mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, xi talbiet, kif dedotti, b'kull rispett, ma jistgħux jintlaqgħu minn din l-Onorabbli Qorti stante illi r-rikorrent talab sabiex din l-Onorabbli Qorti:

1. *Tiddikjara li id-deċizjoni tal-konvenuti indikata fl-ittra datata 11 ta' Mejju, 2016 (Dok K) mahruga mill-konvenuti hi kontra il-ligi u ultra vires il-poteri moghtija mill-ligi lill-konvenuti u tikser id-dettami tal-Ph.D. Regulations 2008 kif ukoll tal-Regulation 44(4) u 44(5) tal-istess Regulations maħruga a tenur tal-Att Dwar l-Edukazzjoni – u għalhekk tordna ir-revizjoni minn dina l-Onor. Qorti tad-diskrezzjoni amministrattiva meħuda mill-konvenuti – u dan ai termini tal-Art 469A(1)(b)(i), (ii), (iii) u (iv) u Artikoli sussegwenti tal-Kodiċi tal-Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).*
2. *Tħassar id-deċizjoni meħuda mill-konvenuti kif enunċjata fl-ittra datat 11 ta' Mejju, 2016 u tiddikjaraha nulla, invalida u mingħajr effett.*
3. *Tagħti dawk ir-rimedji li tħoss xierqa fiċ-ċirkostanzi inkluż occorrendo dik li tiddikjara li skont ir-Reg 44(4) tar-Regolamenti dwar il-Ph.D. la darba l—attur ġie mitlub jersaq għall-viva voce mingħajr ma ġie mitlub jagħmel emendi minuri għat-tezi sotttomessa minnu, allura tiddikjara li dan kien ifisser li it-tezi in kwistjoni kienet ġiet approvata b' mod inkondizzjonat.*
4. *Tiddikjara li l-konvenuti ma aġixxewx b' mod raġonevoli u bġala konsegwenza ikkawzaw danni lill-attur minġabba l-aġir tagħhom.*
5. *Tillikwida id-danni sofferti mill-attur a bazi tal-atti jew omissjonijiet tal-konvenuti.*
6. *Tordna u tikkundanna lill-konvenuti iħallsu lill-attur dawk id-danni kif likwidati minn dina l-Onor. Qorti u dan ai termini tal-Art 469A(5).*

Bir-rispett kollu, din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex ġuriżdizzjoni sabiex tilqa' t-tielet talba, stante illi dak li qed jiġi mitlub jaqa' fi ħdan tal-mansjonijiet u l-poteri tal-organi kompetenti stabbiliti appositament kemm mill-Kapitolu 327 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll permezz ta' diversi Regolamenti tal-Universita` ta' Malta. **Tali funzjonijiet stabbiliti *de lege* ma jistgħu qatt jiġu sostitwiti kif qed jiġi mitlub stante illi l-ġurisdizzjoni tal-organi kompetenti tal-Universita` hija esklussiva.** Hija l-Universita` ta'

Malta biss li tista' tagħmel apprezzament akkademiku tax-xogħol tar-rikorrenti.

D. Mingħajr preġudizzju għas-sueccepit, it-talbiet tar-rikorrenti ma jistgħux jiġu milqugħa stante illi ma jirriflettux il-premessi. Minn imkien ma jirriżultaw ir-raġunijiet għaliex l-egħmil amministrattiv kien *ultra vires.* Ir-rikorrent qed jitlob li jiġi annullat u mħassar l-egħmil amministrattiv għax huwa, skont hu, *ultra vires.* Jiġi rilevat illi ma jirriżulta minn imkien jekk l-egħmil amministrattiv, fil-fehma tar-rikorrenti, huwa *ultra vires,* għaliex u b'liema mod huwa *ultra vires*. **Lanqas huwa ċar liema organu u/jew bord aġixxa allegatament *ultra vires.*** Dan kollu jirrifletti id-debulizza tal-kawża.

E. Mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, ir-Regolament 44(5) huwa ċar u jistipola illi *"jekk il-Bord tal-Eżaminaturi ma jkunx sodisfatt bil-kwalita` tat-teżi, huwa ma jressaqx lill-istudent għal eżami orali u għandu jew (a) jirreferi t-teżi lura lill-istudent għal revizjoni maġġuri u jitolbu biex jerġa' jissottomettiha fi zmien minimu ta sitt xhur u massimu ta' tnax il-xahar f'forma riveduta għas-sodisfazzjon tal-Bord tal-Eżaminaturi..."* **Dan ir-Regolament ġie applikat,** tant illi l-istudent issottometta t-teżi fit-2 ta' Settembru 2015, ingħata sitt xhur ċans biex jagħmel ir-revizjonijiet meħtieġa sat-2 ta' Marzu 2016, u hu effettivament issottometta il-verzjoni riveduta tat-teżi fid-29 ta' Frar 2016. **L-interpretazzjonijiet tal-regolamenti 44 u 45 tar-rikorrenti huma kompletament skorretti** u msejjsa fuq preżunjzonijiet u deduzzjonijiet għal kollox żbaljati. Dan għaliex kif jinsenja l-massimu legali ***ubi noluit tacuit.*** Ma hemm l-ebda dispozizzjoni fir-Regolament li, b'mod espliċitu, tistipola illi l-fatt li seħħ l-eżami *viva voce* ifisser li l-istudent ottjena d-dottorat u/jew huwa ekwivalenti għad-dottorat. L-ewwel nett f'kull rapport tal-eżaminaturi, illi saħansitra ġew annessi mar-rikors promotur, **l-eżaminaturi inekwivokabilment elenkaw in-nuqqasijiet maġġuri tar-rikorrenti u kif ukoll it-tibdiliet neċessarji sabiex it-teżi tissodisfa l-i*standard* ta' dottorat.** Dan l-i*standard* ir-rikorrent **qatt ma laħqu,** lanqas meta ngħata sitt xhur sabiex jirrevedi t-tezi tiegħu. Fit-tieni lok, huwa ċar illi l-*viva voce* huwa parti integrali tad-dottorat inniffsu mhux biss fl-Universita` ta' Malta izda f'ħafna oħrajn. Li kieku l-*viva voce* jippresupponi neċessarjament illi student ġja għadda u ottjena d-dottorat kieku ma jkunx hemm bżonnu *ab initio.* Dan partikolarment għaliex il-*viva voce* mhux intiz sabiex itejjeb il-*grading* (il-marka) tal-istudent. Huwa *sine qua non.* Fi kwlasiasi kaz, u sussidjarjament, il-konswetudni u l-prassi

jirrikjedu illi hija l-Universita` ta' Malta, permezz tal-organi kompetenti tagħha u stabbiliti *de lege,* li għandu jkollha il-fakulta`, id-diskrezzjoni u d-dritt tinterpreta, tapplika u timplimenta r-regolamenti tagħha.

F. Ir-rikorrenti qiegħed jitlob illi jiġu llikwidati d-danni offerti ai termini tal-Artikolu 469A (5) tal-Kap. 12 li jikkontempla l-possibilita` illi r-rikorrenti jagħmel talba għall-hlas ta' danni li tkun imsejjsa fuq irresponsabilita` allegata tal-awtorita` pubblika li tkun għamlet delitt jew kważi delitt li joħrog mill-att amministrattiv. Id-dispost hawn imsemmi pero` jillimita d-diskrezzjoni tal-Qorti in kwantu jimponi kriterji illi biss jekk dawn jiġu sodisfatti tista' l-Qorti tordna l-ħlas ta' danni. Fil-fatt il-liġi tipprovdi illi **d-danni m'għandhomx jingħataw jekk minkejja l-annullament tal-att amministrattiv l-awtorita` pubblika ma tkunx aġixxiet in *mala fede* jew b'mod mhux raġjonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setgħet legalment u raġonevolment ġiet miċħuda taħt kull setgħa oħra**. Għalhekk il-Qorti f'kaz illi tannulla l-att amministrattiv, jeħtieġ imbagħad tikkunsidra jekk l-elementi ikkontemplati fil-liġi hawn imsemmija jissussistux jew le.

F'dan il-kaz in eżami huwa żgur illi l-Universita` ta' Malta ma aġixxitx in *mala fede*. A kuntrarju ta' dak allegat mir-rikorrenti, l-Universita` ta' Malta għamlet minn kollox sabiex toffri l-gwida lill-istudent bit-tir li jottjeni d-dottorat.

G. Fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, **kif ġja ikkonstata il-Kummissarju għall-Edukazzjoni (l-*Ombudsman*) u kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawża**. B'dan il-għan, ser issir riferenza għal fatti tal-każ, b'mod kumulattiv, u dan fl-isfond u fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet u/jew rapporti rilevanti.

Ir-rikorrenti kien qed jaħdem fuq it-teżi fuq bazi full-time stante illi ngħata borża ta' studju mill-Gvern u kien marbut illi jissottometti t-tezi sat-30 ta' Settembru 2014 u jekk din id-data ma tintlaħaqx mir-rikorrenti kien ikollu jħallas lura s-somma ta' €27,000. Ġara li f'Settembru, ir-rikorrenti kienu għadu lura sew fil-kitba tat-tezi. Fil-fatt is-supervizur Prof. Mark Anthony Falzon jgħid li "*it was still in a very incomplete form*" u għamel eċċezzjoni billi ħalla r-rikorrenti jissottometti verzjoni mhux lesta fit-30 ta' Settembru, ħaġa li hija eċċezzjoni u s-supervizur għamilha biss biex jaġevola r-rikorrenti biex ma jitlifx il-flus tal-borża tal-istudju. Eventwalment ir-

rikorrenti ssottometta l-verżjoni finali tat-teżi fid-29 t'April 2015 mingħajr ma qabel uriha lis-supervizur tiegħu u l-eżami tal-viva voce sar fit-2 ta' Settembru 2015.

Ir-rikorrenti jgħid illi hu "*ma kienx mitlub jirranga ebda minor errors qabel il-viva voce tal-Ph.D.*" Importanti li jiġi elenkat illi ma jistgħux isiru emendi qabel il-*viva voce* imma jekk hemm xi emendi li jridu jsiru dawn isiru wara. Ir-rikorrenti jgħid illi skont id-Doctor of Philsophy – Ph.D. – Degree Regulations, 2008 il-fatt li r-rikorrenti ġie mgħajjat għal viva voce jfisser illi ottjena d-Dottorat. F'dan il-kaz in ezami l-viva voce kellu jsir għax ma kienx hemm deċizjoni unanima da parti tal-ħames eżaminaturi, għaldaqstant il-viva voce kien essenzjali.

Il-Bord tal-Eżaminaturi kien kompost minn ħames membri:-

Prof. Joseph Troisi (Chairperson)
Prof. Elizabeth Silva (Open University, Visiting External Examiner)
Prof. Gustavo Mesch (Haifa University, Non Visiting External Examiner)
Prof. Godfrey Baldacchino (Local Examiner)
Dr. Michael Briguglio (Local Examiner)

Wieħed mill-eżaminaturi biss u cjoe` Prof. Mesch qal li r-rikorrenti jimmerita li jingħata l-Ph.D. għalkemm elenka lista sħiħa ta' revizjonijiet li kellhom isiru. Kopja tar-rapport huwa anness u mmarkat bhala Dok. UM A. L-erbgha ezaminaturi l-oħra ma kienux tal-istess fehma. Prof. Baldacchino tenna:-

"*I think that my main disappointment in this phenomenal piece of work is its failure to engage with the extant theories about family life and modern technology. The author spends no time revisiting his literature review and extending/deepening our existing theoretical knowledge on the subject at hand. He appears to be satisfied with merely confirming that what he expected from the literature has been validated by his data* " Kopja tar-rapport huwa anness u mmarkat bhala Dok. UM B.

Dr. Briguglio irrimarka illi:-

"*....the dissertation does not always succeed in fulfilling its aim to provide a sociological inquiry into the internet use, family and*

*domestic space, despite applying a convincing research method. This is especially the case due to a lack of interaction between descriptive examples and theoretical concepts.....his research is at times too descriptive and lacks depth in terms of the sociology of family life, the identities of his subjects and respective commonalitites and differences."* Kopja tar-rapport huwa anness u mmarkat bhala Dok. UM C.

Prof. Silva ppreżenta sebgħa paġni ta' kritika u rekommandazzjonijiet u qali illi:-

"*There are some referencing errors that should be corrected including missing/erroneous references in the bibliography list. Both in the text and in the list of bibliography there are problems, many references are incomplete, some dates are wrong and the style of referencing is inconsistent. This also refers to the figures where sources are not always made clear. There are grammer mistakes and some unclear sentences that need attention. The writing style is very repetitive at times and clearly a close revision would have made for a short and more concise presentation of the case.*

*In terms of the distinctiveness of the contribution to the filed I would like to push the canditate a little more in terms of his conceptual/theoretical contribution. While the candidate discussed contextual, meothodological and thematic connections, there are analytical implications not delineated about some of the data interpretation."* Kopja tar-rapport huwa anness u mmarkat bhala Dok. UM D.

Prof. Troisi, Chairperson tal-Bord tal-Ezaminaturi kkonkluda illi *"The title of the dissertation is rather misleading. The Canditate speaks of a Sociological Inquiry, however, the dissertation remains in the descriptive level. The canditate fails to produce a sociological analysis of his data. He reamins on the descriptive/reporting level. At doctoral level, the canditate is expected to give a deeper reflection of the data he has collected.*

*This thesis is a good piece of empirical/ethnographical research. However, it lacks a sound theoretical analysis of the data collected. In other words, the canditate fails to give a sociological analysis... The rich data collected could have been easily analysed in the light of the theoretical framework."* Kopja tar-rapport huwa anness u mmarkat bħala Dok. UM E.

Bl-eċċezzjoni ta' Prof. Mesch il-membri tal-Bord t'Eżaminaturi kienu tal-fehma illi:-

*"The research is often too descriptive and lacks depth in terms of the sociology of the family, the identitites of his subjects and respective commonalitites. Similarly, the concept of space in connection with residential home has been under-theorised. In other words, the candiate has failed to give a sociological analysis of the data collected. This is especially the case due to lack of interaction between descriptive examples and theoretical concepts. The candidate remains largely at a loss as to how to 'rise above his data' and examine it from a broader perspective. It was agreed that the student be give a period of six months to address the points outlines to him and carry out the necesssary changes"*

Is-Superviżur Prof. Falzon osserva illi waqt il-*viva voce*, ir-rikorrenti ma għinx ruħu u kien eċitat ħafna u ħafna drabi r-risposti għall-mistoqsijiet ma kienux jagħmlu sens. Prof. Falzon osserva illi f'hin minnhom waqt il-*viva voce*, ir-rikorrenti nizzel rasu u serraħ rasu ma' jdejh. Sussugwentement, ir-rikorrenti ġie mitlub jagħmel tibdiliet sostanzjali fit-tezi u ngħata żmien sat-2 ta' Marzu 2016. Fl-ebda ħin mar-rikorrenti oġġezzjona jew tenna la bil-fomm u lanqas bil-miktub. Il-verzjoni tat-teżi li reġgħet ġiet sottomessa ġiet eżamita mill-eżaminaturi Maltin u għal darb'ohra l-ezaminaturi sabu numru ta' nuqqasijiet. Prof. Baldacchino sostna illi *'I do however remain unconvinced that the changes made represent the quality, depth, rigour and level of critique expected from the canditate by his examiners (myself included) following his viva last year and as befits a piece of work of PhD calibre... the canditate remains largely at a loss as to how to 'rise above his data' and examine it from a broader perspective.*

*This is a serious weakness that would be also difficult to address in a viva voce examination since, judging from the canditate's performance at his first viva last Spetember, he was completely stumped and confounded by all questions, even some fairly straightforward ones, that sought to elicit some sense of critical analysis from his research experience. Thus, I would not consider a second viva examination to serve as an opportunity for the student to shine and raise his performance a notch or two above that of his written work.''*

It-tlett eżaminaturi Maltin iltaqgħu nhar it-28 t'April 2016 u kkonkludew illi għalkemm r-rikorrenti immeljora t-teżi, xorta ma laħaqx il-livell ta' dottorat:- "*The Board of Examiners agreed that the changes made in the resubmitted work do not represent the quality, rigour and level of critique expected from the candidate and do not meet the academic standards expected at Ph.D level.*"

Fil-11 ta' Mejju ntbaghtet ittra lir-rikorrenti fejn ingħad illi:-

"*The Board of Examiners have now examined your re-submitted thesis. The Board notes your attempts to make the necessary changes to your re-submitted thesis by attempting to respond to various concerns of the examiners. However, the Board remains unconvinved that the changes made represent the quality, depth, rigour and level of critique expected at Ph.D. level. The Board of Examiners is also of the opinion that you be given the opportunity to sit for a viva-voce examination to assess your work towards the award of an M. Phil degree. You are therefore requested to attend the viva-voce on Monday 6th June at 9.00am in OH212, Humanities Building, first floor.* " Kopja ta' din il-korrispondenza hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok. UM F. Dan l-ezami viva voce ma sarx ghaliex filftrattemp ir-rikorrenti kien ilmenta ma' Prof. Lauri kif ukoll mal-Kummissarju tal-Edukazzjoni.

Mhuwiex minnu illi l-Universita` ta' Malta kisret ir-Regolament 47 (2) tar-Regolamenti tal-Ph.d għax filfatt hekk kif elenkat f'kull rapport tal-eżaminaturi, kollha elenkaw fejn u kif l-istudent kellu jtejjep il-kwalita` tax-xogħol tiegħu.

Fit-23 ta' Mejju 2016, ir-rikorrenti bgħat ilment permezz ta' *ema*il lil Prof. Mary Lauri, Pro-Rettriċi tal-istudenti u oqsma istituzzjonali. Sussegwentement fl-24 ta' Mejju 2016, l-attur bgħat email lill-Kummissarju tal-Edukazzjoni fejn ilmenta illi kien trattat b'mod inġust u diskriminatorju meta l-eżaminaturi wasslu għall-konkluzjoni illi r-rikorrenti ma laħaqx l-istandards meħtiega f'dottorat. Ir-rikorrenti talab l-intervent tal-Kummissarju tal-Edukazzjoni sabiex jiġi appuntat Board ta' Ezaminaturi ġdid sabiex jerġa' janalizza x-xogħol tiegħu. Ir-rapport tal-Kummissarju tal-Edukazzjoni qed jiġi anness u mmarkat bħala Dok. UM G. Il-Kummissarju tal-Edukazzjoni ltaqa' mal-ezaminaturi Maltin kif ukoll is-supervizur. Prof. Troisi spjega illi huwa minnu illi ħa b'idejn ir-rikorrenti liema gest kien biex jaghmel kuragg lir-rikorrenti illi deher emozjonat hafna. Prof. Troisi tenna illi ma setax

jifraħ lill-istudent fuq it-tezi għaliex il-kwalita` ma kienitx ta' standard tajjeb u l-*performance* tiegħu waqt il-*viva voce* kienet fqira hafna. Prof. Falzon uza l-kliem 'tal-biki' biex jispjega kif mar ir-rikorrenti waqt il-*viva voce.* Waqt il-laqgħa Prof. Falzon spjega wkoll illi l-kelma '*congratulations!*' ma tantx tistema' flokha imma dik il-kelma ntqalet biss biex tagħti ftit wens lir-rikorrenti li kien eċitat u sabiex jinkoraġġih jagħmel l-emendi neċessarji fit-teżi. Prof. Falzon qal '*he was completely stumped and confounded by all questions, even some fairly straightforward ones.'*

Fir-rapport tieghu, il-Kummissarju tal-Edukazzjoni jirrimarka illi:- "*In respect to the complainant's 'Congratulations!' assertion, it should be noted that, regardless what was said or allegedly said during and following the viva, in the end it is the contents of the written Examiners' Final Report that really matter. In this case, the central issue is that four of the five Examiners agreed that the complainant's dissertation did not reach the required doctoral standards and his defense was feeble. Furthermore, the complainant accepted the Examiners' Referred verdict following the viva voce and proceeded to revise and improve his work. It was after the second Fail result that he accentuated the 'Congratulations!' claim."*

Il-Kummissarju tal-Edukazzjoni faħħar il-ġest ta' Prof. Baldacchino u Dr. Briguglio meta ltaqgħu mar-rikorrenti separatament sabiex jispjegawlu n-nuqqasijiet fit-teżi oriġinali u kif jista' jirranġaha. '*In line with their commitment, they met him separately on a one-to-one basis as a way of helping the candidate even though, as Examiners, they had no obligation to do so.'*

Kif qal ben tajjeb il-Kummissarju tal-Edukazzjoni "*It is not the Commissioner's role to delve into the purely academic aspects of the complaint, namely whether Mr. Vella should or should not have been awarded a Ph.D. My duty is to check that the entire assessment was correct, fair, non-discriminatory, unprejudiced, uncompromised and according to University regulations"* Il-Kummissarju kkonkluda "*The documentary evidence shows that the Examiners by a majority of four to one considered the estended version of the complainant's thesis below the standards of a doctoral dissertation. The complainants defence of the thesis was also weak. All five Examiners provided the canditate with detailed recommendations for the needed improvements. Significantly, they emphasised the essential need to improve the critical analysis of his*

*data and the conceptual evaluation of his statements and conclusions. They urged him to draw closer correlation between his findings and sociological theories related to Family Life in the Maltese context. The Examiners' consolidated report on the resubmitted thesis stated unequivocally that the theoretical and conceptual shortcomings apparent in the firsr version were not rectified in the second...A careful analysis of the case shows no evidence that any malpractice or maladministration occurred, The assessment process followed correctly the University's Ph.D. regulations and established practice....I am satisfied that the procedure leading to the Examiner's majority conclusions were fair, correct, non-discriminatory and substantiated, and that Mr. Vella's claims are unjustified. Consequently I cannot sustain his complaints."*

L-Universita` ta' Malta laqgħet ir-rakomandazzjoni tal-Kummissarju u offriet lir-rikorrenti illi jingħata M.Phil mingħajr il-bżonn ta' *viva voce.* L-Universita` offriet ukoll illi fejn tista' tgħin l-istudent forsi possibilment ir-rikorrenti ma jitlifx l-ammont tal-borża ta' studju iżda r-rikorrenti għazel triq oħra, dik li jiftaħ kawża quddiem din l-Onorabbli Qorti. L-Universita` ta' Malta hija disposta sabiex fil-laqgħa tas-Senat tas-26 ta' Jannar 2017 jiġi diskuss l-mertu tal-ilment tar-rikorrenti;

Rat l-atti kollha tal-każ.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm estensiva tal-avukati tal-partijiet waqt l-udjenza tas-17 ta' Settembru 2020 ;

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża bbażata fuq l-Artikolu 469(A) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-attur qed jitlob sabiex tiġi riveduta d-deċiżjoni meħuda fil-konfront tiegħu mill-Universita` ta' Malta meta wara li ssottometta t-

teżi tiegħu għad-dottorat, permezz ta' ittra datata 11 ta' Mejju 2016[1] ġie nfurmat illi l-Bord tal-Eżaminaturi Maltin baqa' mhux konvint li l-emendi li għamel fit-teżi tiegħu kienu jirrendu l-istess teżi ta' livell ta' Ph.D u għalhekk tali dottorat qatt ma ngħatalu ;

Illi mill-provi mressqa jirriżulta illi:

(1) Fl-4 ta' Lulju 2011, l-attur ġie aċċettat sabiex jagħmel kors li jwassal għad-dottorat (Ph.D) – fi ħdan id-Dipartiment tas-Soċjoloġija ġewwa l-Fakulta` tal-Arti mill-Universita' ta' Malta[2] u dan bi *sponsorship* permezz tal-*Malta Government Scholarship Scheme* (MGSS), li kien jorbtu illi jissottometti t-teżi tiegħu sat-30 ta' Settembru 2014 u jekk din id-data ma tintlaħaqx kien ikollu jrodd lura s-somma ta' €27,000.

(2) Kif kien mitlub minnu, fit-30 ta' Settembru 2014 issottometta t-teżi tiegħu intitolata '*The Net at Home : A Sociological Inquiry into Internet, Family and the Domestic Space'*. Skond is-*supervisor* tiegħu Prof Mark Anthony Falzon, it-teżi tal-attur « *was still in a very incomplete form* » iżda għamel eċċezzjoni billi xorta ħallih jissottomettiha f'verżjoni mhux kompluta biex l-attur ma jitlifx il-flus tal-borża ta' studju.

(3) Fid-29 t'April 2015 l-attur issottometta l-verżjoni finali mingħajr ma wriha lis-*supervisor* tiegħu.

(4) Fit-2 ta' Settembru 2015[3], sar l-eżami *viva voce* quddiem Bord kompost minn tlett eżaminaturi Maltin – Prof Michael Brigulio, Prof Godfrey Baldacchino u Prof Mark Anthony Falzon flimkien ma' żewġt eżaminaturi barranin – Prof Elizabeth B.Silva minn Open University,

[1] Dok K
[2] Dok A a Fol 18
[3] Dok D a fol 39

Londra u Prof Gustavo Mesch mill-Universita` ta' Haifa, Israel. Kien hemm preżenti ukoll s-*supervisor* tal-attur Prof Mark Anthony Falzon.

(5) Mill-ħames eżaminaturi, Prof. Gustavo Mesch biss qal li l-attur jimmerita li jingħata l-Ph.D. għalkemm elenka lista sħiħa ta' reviżjonijiet li kellhom isiru. L-eżaminaturi l-oħrajn sabu t-teżi difettuża in kwantu għalkemm kien fiha ammont kbir ta' informazzjoni, kien hemm nuqqas ta' interazzjoni bejn l-eżempji deskrittivi u l-kunċetti teoretiċi. It-teżi kienet deskrittiva wisq u ma kellhiex profondita` dwar is-soċjoloġija tal-ħajja tal-familja.

(6) Skont is-supervisor tiegħu Prof. Mark Anthony Falzon, waqt il-viva, l-attur mar ħażin. Ma għenx ruħu, kien eċċitat ħafna u ħafna drabi r-risposti għall-mistoqsijiet ma kinux jagħmlu sens.

(7) L-attur jisħaq illi waqt l-eżami *viva voce* ma kien hemm l-ebda kumment negattiv jew kritika min-naħa tal-eżaminaturi, tant illi meta ntemm l-eżami Profs Troisi illi kien ic-*chairperson*, ikkongratulah quddiem l-bqija tal-bord filwaqt li qallu sabiex jagħmel l-emendi illi kienu qalulu biex jagħmel. Il-verżjoni ta' Profs Troisi fir-rapport mibgħut lir-Registrar iżda hija differenti għaliex qal illi ikkongratulah għaliex prova jikkalmah meta ra lill-atur mimli tensjoni waqt il-*viva*. Il-Professur ma ġiex prodott bħala xhud mill-attur minkejja li ġibed bħala xhieda bosta persuni oħrajn biex jinterpretaw il-kelma '*congratulations*'. Xhieda dawn bla ebda piż probatorju, għaliex prodotti biex tagħtu opinjoni – minkejja li mhumiex '*expert witnesses*'. Lanqas seta' l-Professur jiġi nġunt mill-konvenuta billi sadanittant laħaq ħalla din id-dinja. Għalhekk l-attur minkejja n-numru kbir ta' xhieda li tella' naqas li jipproduċi x-xhud li lissen il-kliem in kwistjoni - li kienet tkun l-aħjar prova.

(8) Wara *l-viva* l-attur ġie mitlub jagħmel tibdiliet sostanzjali fit-teżi u ngħata żmien sat-2 ta' Marzu 2016.

(9) L-attur jgħid illi l-lista kompluta tal-emendi li kellu jagħmel baqgħet qatt ma waslet għandu, għalkemm dan kellu jsir *ai termini* tar-Reg. 44(2) tal-Ph.D Regulations 2008.

(10) Giet sottomessa verżjoni oħra tat-teżi.

(11) Fit-28 t'April 2016 iltaqgħu it-tlett eżaminaturi Maltin li kkonkludew li għalkemm l-attur kien tejjeb it-teżi, xorta waħda ma laħaqx il-livell ta' dottorat.

(12) Fil-11 ta' Mejju 2016 intbagħtet ittra lill-attur li t-teżi ma kinitx tal-livell tal-Ph.D. Offrewlu li jsirlu eżami *viva voce* biex jingħata lawrja ta' M. Phil. Iżda l-attur irrifjutaha.

(13) Wara l-*viva*, l-attur iltaqa' ma Dr Brigulio u anke' ma Profs Baldacchino sabiex jiddiskutu l-emendi. Dan għamluh minkejja li ma kinux obbligati jagħmlu dan.

(14) L-attur jgħid illi tant kien għamel biċċa xogħol tajba, illi Dr Brigulio kien talbu biex jagħmel *paper* mit-teżi tiegħu ħalli tiġi ppublikata fil-ktieb li kien se jippubblika Dr Brigulio stess. Wasal għandu biss ir-rapport li kien sar min-naħa tal-eżaminaturi Maltin qabel il-*viva* u meta talab l-emendi tal-eżaminatur barrani Prof Mesch lil Prof Troisi ma ngħatalux. Sussegwentament l-attur ikkuntattja direttament lil Profs Mesch u eventwalment għaddielu r-rapport fejn kellu kliem ta' tifħir u

kkonkluda illi *'...the manuscript is a thesis that is appropriate for the degree of Ph.D and recommended to the Department of Sociology (University of Malta) warmly and without any hesitation to approve the manuscript as a doctoral thesis*.'[4] Fl-istess binarju huwa ukoll l-affidavit ta' Profs Silva fejn ikkonfermat illi t-teżi tal-attur hija ta' livell ta' Ph.D u jimmerita tali dottorat wara x-xogħol siewi li għamel[5].

(15) Fir-rapport li għamel wara li ġew sottomessi l-amendi, datat 17 ta' April 2016, Prof Baldacchino irrimarka illi xorta baqa' mhux konvint illi t-tibdil magħmul minn naħa tal-attur irrifletta l-livell meħtieġ u għalhekk irrakkomanda illi m'hemmx għalfejn li jsir *viva* oħra għax din ma kienitx se tbiddel is-sitwazzjoni.[6]

Il-Professur Godfrey Baldacchino, li kien wieħed mill-eżaminaturi Maltin tat-teżi tal-attur, xehed illi l-attur għamel xogħol metikoluż u biċċa xogħol tajba ħafna iżda rrileva illi l-attur ġabar l-informazzjoni u baqa' fuq livell tekniku u dan mhux biżżejjed għal-livell ta' Ph.D. Kien hemm nuqqas għaliex l-attur ma fliex l-informazzjoni li ġabar u ħareġ b'teoriji ġodda jew raffinament ta' teoriji eżistenti. Jħoss illi l-attur ma kienx kapaċi joħroġ konklużjoni xjentifika minn dak li kien ġabar, la fit-teżi u wisq anqas fl-orali. Waqt il-*viva* hu u l-eżaminaturi l-oħra bdew jistaqsuh x'konklużjonijiet wasal għalihom u għaliex iżda ma kienx kapaċi jweġibhom u beda jaġita ruħu. Ma jaqbilx mal-konklużjonijiet illi taw l-eżaminaturi barranin anke jekk dawn huma aktar esperti minnu fis-suġġett għax skond hu mhuwiex prinċipju ta' suġġett imma kemm tista' toħroġ konklużjonijiet la darba tkun ġbart l-informazzjoni. Wara l-*viva* huwa xtaq

[4] Dok I a fol 55
[5] Fol 174
[6] Dok U a fol 92

illi l-attur jieħu s-suġġerimenti tiegħu u tal-eżaminaturi l-oħra ħalli joħroġ il-konklużjonjiet u jkun aktar analitiku. Jgħid illi s-suġġerimenti għaddihomlu *hard copy* bil-ktiba tiegħu fuq kopja tat-teżi – dak li kien uża għal waqt il-*viva* u mhux bħala rapport ħolistiku mal-membri tal-bord kollu. Jgħid illi n-nuqqasijiet analatiċi li kienu fl-ewwel abbozz tat-teżi baqgħu ma tranġawx wara l-emendi.

Dr Brigulio qabel il-*viva* dehrlu illi t-teżi tal-attur ma kinitx ta' livell ta' dottorat u filfatt elenka dan il-ħsieb fir-rapport tiegħu. Jgħid illi waqt il-*viva* l-prestazzjoni tal-attur kienet fqira ħafna għax ma bediex jirrispondi mistoqsijiet tekniċi illi bdew isirulu. Xehed illi l-attur ġabar ħafna informazzjoni iżda ma rnexxilux janalizza din l-informazzjoni b'mod kritiku u soċjoloġiku u baqa' ma rranġax dan lanqas wara l-emendi finali ;

Illi r-Regolamenti għall-Grad ta' *Doctor of Philosophy - Ph.D.* jistabbilixxu din il-proċedura li għandha tiġi segwita fl-approvazzjoni tat-teżijiet (L.S.327.101):

> 42. (1) It-teżijiet għandhom ikunu eżaminati minn Bord ta' l-Eżaminaturi maħtur għal dan il-għan mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, u għandu jinkludi *Chairman*, eżaminatur barrani, u mill-anqas membru ieħor, sakemm li l-eżami orali tat-teżi jsir mill-anqas minn tliet eżaminaturi inkluż l- eżaminatur barrani…
>
> 44. (1) L-eżami tat-teżijiet għad-dottorat għandu jsir f'żewġ stadji:
>
> (a) is-sottomissjoni mill-istudent u l-evalwazzjoni preliminari mill-Bord ta' l-Eżaminaturi. u
>
> (b) id-difiża orali tat-teżi.
>
> (2) Fl-evalwazzjoni tat-teżi, il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu jeħtieġ:

(*a*) evidenza li hija tirrappreżenta kontribuzzjoni sinifikanti għall-għerf f'qasam ta' studju partikolari.

(*b*) evidenza ta' oriġinalità.

(*ċ*) evidenza tal-ħila ta' l-istudent li jgħaqqad is-suġġett tat-teżi mal-korp ta' għarfien eżistenti.

(*d*) evidenza tal-ħila ta' l-istudent li japplika metodi ta' riċerka xierqa għas-suġġett u

(*e*) livell sodisfaċenti fil-preżentazzjoni letterarja.

(3) Kull eżaminatur għandu jissottometti rapport preliminari indipendenti liċ-*Chairman* tal-Bord ta' l-Eżaminaturi. Fir-rapport, kull eżaminatur għandu jikkonsidra jekk it-teżi tissodisfax provviżorjament ir-rekwiżiti għall-għoti tal-Grad ta' Ph.D. u fejn possibbli, jagħmel rakkomandazzjoni provviżorja xierqa suġġetta għar-riżultat ta' l-eżami orali.

(4) Il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu jressaq lill-istudent għal eżami orali **wara li jew japprova t-teżi għall-Ph.D. bla kondizzjonijiet jew suġġetta għall-korrezzjoni ta' żbalji minuri** [7]għas-sodisfazzjon tas-Superviżur Prinċipali.

(5) Jekk il-Bord ta' l-Eżaminaturi ma jkunx sodisfatt bil- kwalità tat-teżi, huwa ma jressaqx lill-istudent għall-eżami orali u għandu jew -

> (*a*) jirreferi t-teżi lura lill-istudent għal reviżjoni maġġuri u jitolbu biex jerġa' jissottomettiha fi żmien minimu ta' sitt xhur u massimu ta' tnax-il xahar f'forma riveduta għas-sodisfazzjon tal-Bord tal-Eżaminaturi jew
>
> (*b*) ma jippermettix lill-istudent li jerġa' jissottomettiha f'forma riveduta iżda jressaq lill-istudent għal eżami orali għall-għoti tal-Grad ta' M.Phil. minflok jew
>
> (*ċ*) jirreferi t-teżi lura lill-istudent għal reviżjoni maġġuri u jitolbu biex jerġa' jissottomettiha fi żmien sitt xhur f'forma riveduta għas-sodisfazzjon tal-Bord ta' l- Eżaminaturi għall-għoti tal-Grad ta' M.Phil. minflok jew

[7] Enfasi miżjuda mill-Qorti

(*d*) ma jagħtix permess biex jerġa' jissottomettiha u jiddikjara li ma jingħata l-ebda grad,

sakemm li permess skont il-paragrafi (*a*) jew (*ċ*) jingħata darba biss.

**45.** (1) L-istudenti jkunu meħtieġa jiddefendu t-teżi tagħhom oralment quddiem il-Bord ta' l-Eżaminaturi. L-eżami orali għandu jkopri s-suġġett tat-teżi u materji relevanti għaliha.

(2) L-eżami orali għandu jsir fl-Università ta' Malta għall- istudenti kollha.

(3) Il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu jissottometti rapport finali (flimkien mar-rapporti individwali ta' l-eżaminaturi) lis-Senat, li għandu jinkludi dikjarazzjoni raġunata dwar il-ġudizzju tagħhom fuq il-livell milħuq mill-istudent…

**47.** (1) Wara l-eżami orali, il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu jew:

(a) jissottometti lill-Kumitat u lis-Senat rapport finali wieħed li jinkludi r-rakkomandazzjoni tagħhom dwar l-għoti tal-Grad tal-Ph.D.. jew

(b) jirreferi t-teżi lura lill-istudent għal reviżjoni maġġuri u għas-sottomissjoni mill-ġdid fi żmien sitt xhur f'forma riveduta għas-sodisfazzjon tal-Bord ta' l- Eżaminaturi, u li jressaq lill-istudent għal eżami orali ieħor, jekk il-Bord ta' l-Eżaminaturi jiddeċiedi hekk.

(2) Ir-rapport finali ta' l-eżaminaturi kollha għandu jipprovdi kummenti dettaljati biżżejjed dwar l-iskop u l-kwalità tax-xogħol kif jidher mit-teżi miktuba u mid-difiża orali. Barra minn rimarki ġenerali dwar fejn it-teżi hija b'saħħitha u fejn hija batuta, ir- rapport għandu jinkludi, bħala appendiċi, lista ta' rimarki dwar xi titjieb speċifiku jew żbalji minuri li jeħtieġu korrezzjoni. Din il- lista għandha tingħata lill-istudent għall-gwida biex itejjeb id- dokument. Għandha tkun ir-responsabbiltà taċ-*Chairman* li jiżgura li l-korrezzjonijiet u l-emendi meħtieġa fit-teżi saru sewwa;

Illi l-attur jinterpreta r-Regolament 44(4) bħala li jfisser li ġaladarba ġie msejjaħ għall-oral, il-Bord kellu biss żewġ *options*: jew li japprova t-teżi

bla kundizzjoni, inkella japprovaha soġġett għal *minor emendments*; Abbażi ta' din l-interpretazzjoni huwa jirraġuna li ġaladarba ma ntalabx jagħmel *minor emendments*, it-teżi ġiet approvata mingħajr ebda kundizzjoni. Dan ir-Regolament iżda ma jistax jiġi estrapolat mill-bqija tar-regolamenti biex jiġi nterpretat *in vacuo*. Kwalunkwe disposizzjoni tal-liġi trid tinqara fil-kuntest tagħha u flimien mal-bqija tan-normi li tkun tifforma parti minnhom; l-istess bħal klawżola f'kuntratt li trid tinqara flimkien mal-klawżoli l-oħrajn fl-istess kuntratt, u mhux iżolatament. Biżżejjed jingħad li r-Regolament 47(1)(b) jagħti l-fakolta` lill-Bord, wara l-orali, li jirreferi t-teżi lura lill-istudent għal reviżjoni maġġuri. Għalhekk għandu jkun ċar li l-fatt li l-Bord isejjaħ lill-kandidat għall-oral ma jfissirx li t-teżi tkun bilfors laħqet, jew kważi laħqet, il-livell meħtieġ;

Illi għalhekk il-Qorti trid tara jekk dawn iż-żewġ regolamenti li mal-ewwel daqqa t'għajn jidhru konfliġġenti u kontradittorji jistgħux jiġu nterpretati b'mod koerenti u konsistenti;

Illi r-Regolament 44(1) jagħmilha ċara li l-eżami tat-teżijiet tad-dottorat jikkonsisti f'żewġt istadji: il-kitba tat-teżi u d-difiża orali tagħha. Billi r-Reg. 44(1) huwa l-*governing provision*, il-bqija tar-Regolament għandu jinqara' fil-parametri tad-disposizzjoni tiegħu. Id-difiża orali għalhekk hi parti ntegrali mill-eżami u mhux sempliċi formalita`. L-eżami orali huwa ttrattat mhux biss fir-Regolament 44(4) iċċitat mill-attur, imma wkoll b'mod awtonomu fir-Regolamenti numri 45, 46, u 47. Filwaqt li Reg. 44 jitratta t-"teżijiet għad-dottorat" (fi kliem in-nota marġinali tiegħu) b'mod ġenerali; min-naħa l-oħra r-Reg. 45 ("Eżami Orali" fi kliem in-nota marġinali tiegħu), Reg 46 ("Data tal-eżami orali") u r-Reg. 47 ("Riżultat tal-Eżami Orali" fi kliem in-nota marġinali tiegħu) jitrattaw speċifikament l-eżami orali. Għalhekk f'każ ta' konflitt t'interpretazzjoni, id-disposizzjonijiet tar-Reg. 45,46, u 47 għandu jipprevalu fuq ir-Reg. 44.

Għalkemm ir-Regolamenti in kwistjoni setgħu jiġu miktubin b'mod iktar ċar, ma jidhirx li huma bilfors loġikament irrikonċiljabbli. Minn qari tagħhom flimkien jidher li:

1. Kull eżaminatur jissottometti rapport preliminari indipendenti dwar jekk it-teżi tissodisfax proviżorjament ir-rekwiżiti (Reg. 44(3).

2. Jekk il-Bord ma jkunx sodisfatt bil-kwalita` tat-teżi, ma jagħmilx l-eżami orali u jagħżel waħda mill-alternattivi li jagħtuh Reg. 44(5)(a),(b),(c) jew (d) fosthom –għal dak li jinteressa din il-kawża – li jitlob reviżjoni maġġuri tat-teżi.

2. Jekk il-Bord jara li t-teżi tissodisfa, proviżorjament, ir-rekwiżiti tal-Ph.D., jiffissa data għall-eżami orali.

3. Il-Bord, wara l-orali, jista':

(i) japprova t-teżi bla kundizzjonijiet.

(ii) japprova t-teżi soġġetta għall-korrezzjoni ta' żbalji minuri (Reg. 44(4)).

(iii) jordna reviżjoni maġġuri tat-teżi u jiddeċiedi jekk iressaqx lill-istudent għal eżami orali ieħor.

4. Reg. 44(4) jagħmilha tassattiva li, <u>wara</u> li l-Bord japprova t-teżi (bla kundizzjoni jew suġġetta għal żbalji minuri) iressaq lill-istudent għall-eżami orali. Imma dan ma jfissirx li l-Bord jista' jagħmel l-eżami orali <u>biss wara</u> li japprova t-teżi. Ifisser biss li jekk japprova t-teżi, irid bilfors jagħmel l-eżami orali. Hekk, fl-ipoteżi li l-Bord wara l-eżami orali, jordna reviżjoni maġġuri, u din issir għas-sodisfazzjon tiegħu, huwa jkun obbligat jagħmel eżami orali ieħor;

Illi għalhekk ma jirriżultax illi l-Bord ma kienx awtorizzat jasal għad-deċiżjoni tiegħu bi ksur tal-Art. 469A(b)(i), jew li m'osservax ħtiġijiet proċedurali mandatorji bi ksur tal-Art. 469A(b)(ii), jew li l-egħmil tiegħu mar b'xi mod ieħor kontra l-liġi bi ksur tal-Art. 469A(b)(iv);

Illi l-anqas jirriżulta li l-Bord irrifjuta li jgħaddi lill-attur mill-eżami għal għanijiet mhux xierqa jew minħabba kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti bi ksur tal-Art. 469A(1)(b)(iii) billi huwa iktar milli ovvju li l-Bord segwa l-kriterji stabbiliti mir-Regolament 44(2) suċċitat. Illi ma jistax jiġġjova lill-attur il-fatt li wieħed mill-*external examiners* approva t-teżi tiegħu. L-*external examiner* ma kellux xi status speċjali u għalhekk ma jirriżultax li kellu jingħata piż iktar mill-fehma tal-eżaminaturi Maltin. Kien hemm *external examiner* oħra li kellha wkoll riżervi fuq it-teżi tal-attur. Din il-Qorti m'għandha l-ebda setgħa li tikkwerela l-ġustizzja o meno tal-Bord tal-eżaminaturi. Ma tistax tissostitwixxi l-fehma tagħha – hi x'inhi – għall-fehma tagħhom. Ma tistax tilbes it-toga tal-akkademiċi u tpoġġi fuq is-siġġu tal-eżaminaturi. Mhix sede tal-appell, imma sentinella li tiżgura li l-amministrazzjoni ma teċċedix u ma tabbużax mill-*vires* lilha mogħti mil-leġislatur. Diment li l-egħmil amministrattiv isir *rite et recte* l-Qorti ma tindaħalx. Dak li tista' tagħmel hu li tindaga jekk ġietx segwita l-procedura ; jekk id-deċiżjoni saritx għal raġunijiet estranji jew mhux xierqa – dan ma jirriżultax li hu l-każ – jew jekk kinitx raġonevoli. Il-Qorti mhix sejra toqgħod tinħela wisq fuq it-tifsira tal-kelma « raġonevoli » fil-kuntest tal-istħarriġ ġudizzjarju, għajr li tirriafferma dak li ġja` ġie ripetut diversi drabi fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li żewġ persuni raġonevoli jistgħu jaslu għal konklużjonijiet opposti u li biex deċiżjoni titqies li mhix raġonevoli trid tkun tali li l-ebda persuna raġonevoli ma kienet tasal għaliha. Id-deċiżjoni tal-Bord, kif ġja` ngħad, tista' tkun tajba u tista' tkun ħażina ; l-imħallef sedenti jista' jaqbel u jista'

ma taqbilx magħha – s'intendi dejjem *in pectore* (għaliex hu prekluż milli jesprimi fehmtu mil-liġi ; apparti li ċertament mhux espert tal-materja). - M'hemmx dubbju iżda li d-deċiżjoni tal-Bord mhix tant irraġonevoli li l-ebda persuna raġonevoli ma kienet tasal għaliha. Id-deċiżjoni tal-Bord mhix sorretta b'raġunijiet li jikkostitwixxu strapp mil-loġika jew is-sens komun;

Illi l-attur jallega wkoll li ma ngħatax smiegħ xieraq. Dan żgur li mhux il-każ għaliex mhux talli ma ngħatax smiegħ xieraq imma talli l-Universita` saħansitra *went out of its way* biex tgħinnu, anke biex jirrevedi t-teżi tiegħu. Għalhekk lanqas issib ksur tal-Art. 469A(1)(ii) minn dan il-lat ;

***Dispożittiv***

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi ma ssib l-ebda ksur tal-Artiklu 469A(1)(b)(i), (ii), (iii) jew (iv) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u konsegwentement tiċħad it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż a kariku tiegħu.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA